TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/215/11/S

Josephine Frendo Cumbo

Vs

International Sales Direct

Illum 4 ta'Jannar,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Josephine Frendo Cumbo ppreżentata f'Mejju,2011 u r-risposta tas-soċjeta International Sales Direct datata 16 ta'Settembru,2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tal-partijiet magħmula fit-23 ta'Settembru,2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda magna tal-ġelat mixtrija mingħand is-soċjeta intimata li l-'containers' tagħha ma kinux qed ikessħu sew;

Illi jingħad mal-ewwel li hu ammess li l-aġent imqabbad mis-soċjeta intimata nesa' jirritorna dawn il-'containers' lir-rikorrenti;

Illi r-rikorenti trid il-flus lura u għalhekk irrifjutat il-kunsinna tal-'containers' in kwistjoni;

Illi hu prinċipju ben stabbilit li "min jallega jrid jipprova" u dan fuq l-istreqwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" kif spjegat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-13 ta'Jannar,1999 fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited";

Illi r-rikorrenti ma ġabitx prova in sostenn tat-talba tagħha li tingħata flus lura;

Illi jinkombi lir-rikorrenti li tipprova l-inkonvenjenza fir-rimedju offrut mis-soċjeta intimata u għalhekk dan it-Tribunal iħoss li fiċ-ċirkostanza ta' dan il-każ, ir-rimedju offrut u ċioe li ż-żewg 'containers' jiġu rimpjazzati bi tnejn ġodda u l-garanzija tibda' tiddekorri mill-jum li dawn jingħataw lir-rikorrenti, hu wieħed ekwu;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' in parte t-talba tar-rikorrenti Josephine Frendo Cumbo u r-risposta tas-soċjeta International Sales Direct, fis-sens li Jordna lis-soċjeta International Sales Direct biex fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, tirrimpjazza ż-żewġ 'containers' bi tnejn ġodda u tikkunsinnhom lir-rikorrenti bil-garanzija tibda' tiddekorri mill-jum tal-kunsinna, u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mis-soċjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888